Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

MINUTI

LAQGHA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI

IS-SEBA LEGISLATURA 2017

SEDUTI NUMRI 55

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa' fl-ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fic-Centru Civiku, Kunsill Lokali S-Swieqi, Triq G. Bessiera nhar il-Hamis 26 t'April fil-17.00.

Prezenti

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Sindku |
| Maryanne Abela | - | Kunsillier |
| Paul Fenech | - | Kunsillier |
| Alfred Curmi | - | Kunsillier |
| Theresa Valentino | - | Kunsillier |

Skuzat il-Kunsillieri M. Miceli peress li jinsab msiefer fuq xoghol, l-Vici Sindku li cempel li inqabad xoghol, Alex Chetcuti u Matthew Bonello.

Ufficjal Prezenti: Vince Tanti, Segretarju Ezekuttiv

Is- Sindku qal it-talba

# I Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-minuti tas-seduta numru 54. Il-Kunsillier P. Fenech ppropona u l-Kunsillier M. Abela ssekondat. Dawn gew approvati b' mod unaninimu wara korrezzjoni mressqa mill-Kunsilliera T.Valentino, fejn talbet li tigi rrangata sentenza sabiex tigi tghid li pprezentat l-oggezzjoni ta'PA2479/16 u mhux l-appell.

Il-Kunsillier P. Fenech talab biex tinqata 'qed jiehu hsieb kollox hu' mill punt f'pagna hamsa tal-minuti li titkellem fuq serata muzikali minn grupp muzicisti Russi.

# II Punti li johorgu mill-Minuti

Il-Kunsillier M. Abela qalet li regghet waqfet tahdem il-funtana tal-Madliena.

Il-Kunsillier Paul Fenech talab li ssir laqgha urgenti fuq is-Soiree ta' Professur Maestro Vella.

# III Rapport mis- Sindku

Is Sindku ressaq ir-rapport tieghu (Anness A) li kien jinkludi serje ta' laqghat li kellu mill-ahhar seduta, fosthom laqgha mas-Sur Roderick Fenech fuq il-Cow Farm, Il-Laqgha Generali Anwali, u laqgha mal-Perit Dieter Falzon, il-Perit tal-Kunsill fuq il-progett ta' Ibrag Road kantuniera ma' Triq tal-Franciz.

Is-Sindku kellu laqgha mal-Perit David Vassallo li hu responsabbli mix-xoghol tat-toroq fil-lokalita. Mieghu semma il-cul-de-sac ta Triq it-Terz, , l-access ta' Triq tal-Franciz kif ukoll xoghol fuq Triq il-Molletta u twessiegh ta' Triq il-Gizimin ghal ma' Swieqi Road.

Is-Sindku attenda s-smiegh ta' l-appell fuq Wied Ghomor, u r-re-zoning ta' plot fil -parti ta fuq ta' Triq Uqija kantuniera ma' Giokondu.

Tkellem fuq Triq il-Gizimin, ghalkemm ix-xoghol miexi kien qed ikolli diversi ilmenti mill-kuntrattur ghax ir-residenti m'humiex jikkooperaw. Emfasizza li t-triq twila u kull ma fiha huwa dhul u hrug minn zewgt postijiet, u din tohloq diversi problem ghar-residenti.

Noel Muscat — Vince Tanti

Sindku — Segretarju Ezekuttiv

Fuq Triq il-Keffa, ix-xoghol inqasam f'zewgt partijiet, il-parti ta' fuq u l-parti t'isfel. L-akbar *challenge* kien meta nghalqet il-parti ta' fuq bi preperament ghal-asfaltar, u dan sar minghajr notifika, b'hemhekk kien hemm kaos fit-toroq tal-madwar.

Tkellem ukoll fuq ix-xoghol fuq it-tunnels, xoghol li avvanza izda ghad mhux mixghula.

Tkellem fuq progett ta' Corporate Social Responsibility mill-kumpanijja Ecabs fejn izda talbu l-Kunsill permessi sabiex jinzerghaw sigar fi Swieqi Road.

Is-Segretarju Ezekuttiv informa li s-Sindku li kiteb lill-kumpanijja Ecabs diversi drabi izda qatt ma kellmuh lura.

Fl-ahharnett, is-Sindku talab lill Kunsillieri sabiex f'kull ma jaghmlu jimxu skond il-proceduri u r-regolamenti tal-Kunsilli. Dan jinkludi kemm f'korrespondenza, laqghat, u spejjez involuti – dawn kollha ghandhom jghaddu u jigu approvati mill-Kunsill kull hin.

**Approvazzjoni ta' pagamenti u xiri iehor**

Giet mressqa l-iskeda tal pagamenti ghal approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsillier A. Crmi pprezenta rapport idettaljat (aness) u din giet approvata hekk kif emmendat minn dawn kollha prezenti.

Peress li kien sar il-hin u kien hemm min ried jitlaq, il-laqgha ntemmet fis -18.00 u giet aggornata ghal 10 ta Mejju fil -17.00.

Noel Muscat — Sindku

Vince Tanti — Segretarju Ezekuttiv